MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1234/2004

**Paul Mercieca (I.D.235352M) personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Deloitte & Touche**

**vs**

**Saint Julien Real Estates Limited (C.29564)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm254.95) somma dovuta (a) kwantu ghal tmienja u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) skond fattura datata 22 ta' April, 2002, (b) kwantu ghal tlieta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm63.25) skond fattura datata l-1 ta' Jannar, 2003, (c) kwantu ghal sitta u tmenin lira u hamsa u ghoxrin**

**centezmu (Lm86.25) skond fattura datata 9 ta’ April, 2003, (d) kwantu ghal erbgha u sittin lira u disghin centezmu (Lm64.90) skond fattura datata l-1 ta’ Jannar, 2004, u (e) kwantu ghal hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) skond fattura datata 22 ta’ Jannar, 2004 (kopji annessi bhala Dok.A sa Dok.E rispettivament, dan kollu rapprezentanti servizzi professjonali spejjez u VAT skond kif hemmhekk indikat;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 20 ta’ Mejju, 2004 (kopja Dok.F) u bl-imghaxijiet mid-dati ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur pro et noe fit-13 ta’ Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentantx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur pro et noe s-somma ta’ mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm254.95) bl-imghax legali mill-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 20 ta’ Mejju, 2004, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------